MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Numru 494/2013

**ILLUM 12 TA' MARZU 2014**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**GEORGETTE MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-akkuzata ta' karta numru ta' identita' 4280(m), akkuzata talli nhar is-26 ta' Mejju 2013 u f'dati ohra fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

- bil-qerq hloqt jew gieghelt jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jisewe bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tista' tigi kontrs s-sewwea akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' kundanna tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluza n-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tistema' sommarjament mhux opposta mill-imputata;

Semghet lid-difiza tecepixxi, fl-ewwel udjenza, li l-istat psikiku tal-imputata huwa subnormali u ilha taht kura psikjatrika mindu kienet ghada tfal;

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn nnominat lit-tabib psikjatra Dr. Joseph Cassar biex jezamina lill-imputata mill-lat psiko-intelletwali cioe' rigward l-'intendere 'u l-'volere' fiz-zmien l-allegat reat .

Il-Qorti qeghdha tillimita l-gudizju taghha ghal dan il-kwesit wara li t-tabib psikjatra nominat ippresenta u halef ir-rapport tieghu fl-udjenza tal-25 ta' Frar ta' din is-sena.

L-imsemmi tabib psikjatra ikkonkluda kif ser jinghad u l-Qorti qeghdha verbatim tirripproduci l-ahhar paragrafu tar-rapport tieghu, li jghid:

"Rigward l-akkuza, jidher li minhabba kemm l-inteligenza emozjonali baxxa u l-inteligenza intelletwali subnormal, is-sinura Georgette Micallef l-imputata ma kellhiex konjizzjoni ta' fejn seta' jwassal l-agir taghha u rragunat ezatt kif tirraguna tifla zghira b'mod impulsiv u bla hsieb ta' konsegwenza. Ghaldaqstant jidher li minhabba dan il-fatt is-sinjura Georgette Micallef ma kellhiex l-'intendere' u l-'volere'.

Fil-fehma tal-qorti dan ifisser li l-imputata ma kellhiex u ma setghetx ikollha l-mens rea.

Konsegwentement tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi tilliberaha

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------